SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 02-19**

**11 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

**2.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' aploġiji.

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 01-19**

**2.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 01-19 ġew approvati mill-Kunsill.

**2.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**2.3.1 *Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM02-19 għall-perjodu bejn is-27 ta' Mejju 2019 u s-27 ta' Ġunju 2019 u minn *cheque* numru BOV 7664 sa *cheque* numru BOV 7676.

**2.4 Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport finanzjarju għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Marzu 2019. Hija qrat *overview* u *summary* ta' dan ir-rapport.

Is-Sindku stiednet lill-*accountant* tal-Kunsill biex tagħti rendikont tad-dħul u ħruġ tal-finanzi għal dan il-perjodu. L-*accountant* spjegat fid-dettal dan ir-rapport u qalet li l-Kunsill għalaq l-ewwel kwart ta' din is-sena b'*surplus* ta' €2,192.00 wara id-*depreciation*. L-*accountant* qalet li dan is-*surplus* ma jinkludix *committed funds* oħra li ser jiġu rrekorjati kif jidħlu fil-kotba tal-Kunsill. Hija sostniet li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hija waħda *healthy* b'*financial situation indicator* ta' 38% u spjeġat kif tinħadem din il-*percentage* biex joħroġ il-*working capital*.

Il-Kunsill approva dan ir-rapport u s-Sindku rringrazzjat lill-*accountant* tax-xogħol tagħha.

**2.5 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**2.5.1 *SPI/SCI/11/2019 Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (Lifelong Leaning)***

Is-Sindku rreferit għaċ-Ċirklulari hawn fuq imsemmija u qalet li din il-proposta ser jaħdmu fuqha il-Kunsilliera Terrence Ellul u Liam Sciberras. Ġie nutat li l-proposta li ser issir trid tkun approvata mill-Kunsill u tintbagħt sat-30 ta' Lulju 2019.

**2.5.2** ***SPI/SCI/12/2019 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta***

Is-Sindku irreferit għall-iskema hawn fuq imsemmija u qalet li fuq din il-proposta ser jaħdem il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera D'Amato. Saret diskussjoni dwar xi proposti li saru mill-membri tal-Kunsill fuq din l-iskema. Fost dawn issemmew il-monument ta' Mintoff, il-Monument tal-Pjazza 7 ta' Lulju, il-Plakka kommemorattiva li kienet ġiet inawgurata waqt iż-żjara tal-President Gorbachew fl-1989 u l-monument tal-vdalijiet tat-Teatru Rjal. Ġie nutat li l-proposta li ser issir trid tkun approvata mill-Kunsill u tinbagħt sat-30 ta' Awissu 2019.

**2.5.3** ***SPI/SCI/10/2019 – Skema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali/Reġjonali***

Is-Sindku irreferit għall-iskema hawn fuq imsemmija u qalet li din l-applikazzjoni ser ikunu qed jaħdmu fuqha il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Kylie d'Amato. Hija qalet li ser jittieħdu in-konsiderazzjoni xi suġġerimenti li saru minn membri tal-Kunsill u kif tkun lesta l-applikazzjoni tinbagħt għall-attenzjoni tal-Kunsill qabel tiġi sottomessa sad-data tal-għeluq fit-23 ta' Lulju 2019.

**2.5.4** ***Rappreżentant tal-Ġal Xlokk***

Is-Sindku nfurmat li ser tkun qed tirrapreżenta lill-Kunsill fuq il-Gal Xlokk. Hija qalet li diġa kellha laqgħa mar-rappreżentanti ta' din il-Fondazzjoni u minn din il-laqgħa ħareġ li ser ikun hemm diversi miżuri li jistgħu jkunu ta' nteress għall-Kunsill. Hija semmiet fost oħrajn il-Miżura għal proġetti *Green* li għandha fondi ta' mhux aktar minn €57,000.00 u ko-finanzjament ta' 10% Hija qalet li din il-Miżura ser toħroġ is-sena d-dieħla.

**2.5.5** ***Attivita' Lejla Sajfija***

Is-Sindku nfurmat li ser tiġi organizzata Lejla Sajfija mill-Knisja Parrokkjali bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Hija qalet li l-Kunsill ser ikun qed jikri *mobile toilets* u jipprovdi *bins* għall-iskart. Il-Kunsill ser ikun qed jgħin ukoll biex isir fustun bid-dawl li jdawwar il-*parking area* fejn ser issir l-attivita'.

**2.5.6** ***Dawl fil-Passaġġ fil-ġenb tal-Latrina Pubblika f' Dawret it-Torri***

Is-Sindku rreferit għal talba għal dawl fl-area msemmija. Qamet diskussjoni u ġie deċiż li s-Sindku għandha tara jekk id-dawl li ġie ordnat ftit tal-ġimgħat ilu hux ser ikun qed jgħati dawl fuq dan il-passaġġ.

**2.5.7** ***Proposta Day Care Centre***

Is-Sindku tkellmet dwar laqgħa li saret ma' uffiċjali mid-Dipartiment Għall-Anzjani u Kura fil-Kommunita' fejn ġew identifikati xi nuqqasijiet li hemm fil-*kitchenette* tat-Tea Room li tintuża wkoll miċ-Ċentru għall-Anzjani ta' Santa Luċija. Hija qalet li minħabba raġunijiet ta' sanita' hemm bżonn li jsir *sink* ieħor u *cupboards* ta' taħt minflok purtiera kif hemm bħalissa. Hija qalet ukoll li l-art li hija *slate* trid tinkesa bil-*vinyl* u ssir ukoll *back slash* fuq il-*cupboards*. Hija qalet li l-Kunsill ser ikun qed jiġbor il-kwotazzjonijiet u l-ispiża ser tinqasam bejn il-Kunsill u d-Dipartiment imsemmi.

**2.5.8** ***Appell fuq Sejħa tal-Kunsill għal Kuntratt .SLLC PC (57-19-01)***

Is-Sindku qalet li l-PCRB kien ta d-deċiżjoni tiegħu fir-rigward ta' appell li sar fuq id-deċijoni tal-Kunsill għal din is-sejħa. Hija qalet li fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord talab lill-Kunsill biex fi żmien tlett ijiem jerġa joħroġ il-*letter of regret* u jgħati r-raġuni għad-deċiżjoni tiegħu. Hija kompliet tgħid li l-bord ta lill-appellant id-dritt li jkun jista' jerġa jappella din id-deċiżjoni.

**2.5.9** ***Ħatra ta' DPO Temporarju***

Is-Sindku qalet li l-Kunsill għad m'għandux indikazzjoni tal-ispiża nvoluta biex tkun tista tiġi approvata' l-ħatra tad-DPO tal-Kunsill liema servizz bħalissa qed jingħata b'mod temporarju. Hija qalet li l-Kunsill ser ikun qed jara jekk is-servizz tad-DPO li għandu r-Reġjun Nofsinhar jistax jiġi estiż għall-lokalitajiet membri ta' dan ir-Reġjun.

**2.5.10** ***Ċirkulari SPI/07/2019 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni***

*Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni hawn fuq imsemmija li ħadem fuqha l-Viċi Sindku kienet tipproponi sistema ta' irrigazzjoni* fl-*area* tal-iSculpture Garden *u* l-Picnic Area. Hija qalet li din l-applikazzjoni ġiet sottomessa fil-ħin.

**2.5.11** ***SPI/SCI 9.2019-Ccare Project – Skema ta' Finanzjament għal Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Kommunia'***

Is-Sindku qalet li l-applikazzjoni għal fondi li fuqha qed jaħdmu l-Kunsilliera Terrence Ellul, Kylie D'Amato u Liam Sciberras ser tkun qed titkompla mis-Segretarju Eżekuttiv u tinbagħt sa l-għada l-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 2019.

**2.5.12** ***Ġieħ Santa Lucija***

Is-Sindku irreferit għall-Memo SLLC 16 /2019 u li ġiet approvata mill-Kunsill u qalet li kollox mar kif ippjanat u approvat.

**2.5.13** ***Keep Fit Classes fil-5-a-side football pitch***

Is-Sindku qalet li kellha laqgħa ma' persuna li bħalissa qed tagħmel *keep fit classes* fil-*5-a-side football pitch*. Qamet diskussjoni fejn ġie nutat li dawn il-*classes* qed isiru mingħajr ħlas għal kiri tal-*pitch* u qed ikunu bla ħlas għar-residenti ta' Santa Lucija. Ġie nutat ukoll li l-attendenza għal dawn il-*classes* hija waħda baxxa. Tlett Kunsilliera qablu li dan il-*pitch* għandu jibqa jinkera mingħajr ħlas sakemm ikunu jistgħu jipparteċipaw ir-residenti ta' Santa Luċija. Il-Viċi Sindku qal li fl-interess tal-Kunsill wieħed irid jimxi mal-*Bye-Laws*, l-aktar meta tqis li l-organizzatriċi ta' dawn il-*courses* qed tbiegħ prodotti lill-parteċipanti. Is-Sindku qalet li dawn il-*classes* iridu jingħataw aktar pubbliċita' fost ir-residenti u li kienet ser tkellem lill-organizzatriċi fuq il-kontribuzzjoni dovuta.

**2.5.14** ***Talba għal użu tat-Tea Room mill-Football Club ta' Santa Lucija***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill b'talba uffiċċjali li saret mill-Football Club ta' Santa Lucija biex jużaw it-Tea Toom għal Players Meeting darba fil-ġimgħa qabel kull logħba. Il-Kunsill ma sabx oġġezjoni u l-Kunsillier Terrence Ellul ġie nkarigat jiftaħ u jagħlaq it-Tea Room meta tkun ħa tintuża mill-Football Club.

**2.5.15** ***Premju Nazzjonali fil-Qasam tad-Dimensja***

Is-Sindku qrat ittra tal-L-Onor Anthony Decelis dwar dan il-premju nazzjonali. Saret diskussjoni u s-Sindku stiednet lill-membri tal-Kunsill biex min jixtieq jinnomina lil xi ħadd għandu jinforma l-Kunsill biex issir applikazzjoni li trid tintbagħt sas-7 ta' Awissu 2019.

**2.5.16** ***Attivita' mtella' mill-Angelic Voices bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill***

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill b'attivita mużikali li ser tittella' mill-Angelic Voices u l-Kunsill fl-20 ta' Settembru 2019. Is-Sindku qalet li din l-attivita' ser issir bl-għajnuna finanzjarja mir-Reġjun Nofsinhar li joffri fondi għall-attivitajiet kulturali. Tresqet kwotazzjoni għal-kiri ta' *sound system* u l-Kunsill qabel li jinġiebu aktar kwotazzjonijiet.

**2.5.17** ***Latrini Pubbliża fil-Picnic Area u f'Dawret it-Torri***

Is-Sindku tkellmet fuq attakki vandali li jseħħu ta' spiss f'dawn il-latrini. Hija rreferit għall-latrina fil-Picnic Area li kienet ġiet maħruqa u nfurmat li ser issir spezzjoni mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika. Is-Sindku qalet li ser tistenna l-*feedback* ta' dan id-Dipartiment biex il-Kunsill ikun jista' jara x'azzjoni jista jieħu.

**2.5.18** ***Pink October***

Is-Sindku irreferiet għal proposta li rċieva l-Kunsill b'rabta ma' inizjattiva ta' Pink October. Saret diskussjoni u ġie deċiż li ssir kordinazzjoni kollettiva biex jinxtegħlu l-faċċati tal-Knisja Parrokkjali, Pjazza Dorell, il-Ġnien Ċiniż u l-Iskola.

**2.5.19** ***Europe for Citizens –Proġett Evoke***

Is-Sindku rreferit għall-proġett Evoke u għal parteċipazzjoni tal-Kunsill ta' Santa Luċija bħala *partner* fuq dan il-proġett. Ġie nutat li f'dan il-proġett ser jipparteċipaw ukoll il-Kunsill ta' Lubriano li huwa ġemellat mal-Kunsill ta' Santa Luċija. Għal dan l-ewwel avveniment li ser isir f' Castiglione fl-Italja, l-Kunsill approva l-parteċipazzjoni tal-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Terrence Ellul u Kylie D'Amato kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv fuq dan il-proġett.

**2.5.20** ***Cirkulari AKL 2019/051 Inizjattiva MCCF 2019***

Is-Sindku ressqet din iċ-Ċirkulari għall-attenzjoni tal-Kunsill u kien hemm qbil li l-Kunsilliera kollha inkluż dawk ġodda jipparteċipaw f'din l-inizattiva.

**2.5.21** **Attivita' mill-Malta National Children's Choir**

Is-Sindku ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill informazzjoni dwar kunċert mill-Malta National Children's Choir li ser jittella' fl-24 ta' Awissu 2019. Il-Kunsill qabel li jorganizza din il-ħarġa għar-residenti.

**2.5.22** **Proġett tal-Football Club ta' Santa Luċija**

Is-Sindku resqet quddiem il-Kunsill il-pjanti tal-proġett tal- Football Klabb li ġie approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Viċi Sindku qal li dan il-proġett qatt ma resaq quddiem il-Kunsill. Il-Kunsillier Terrence Ellul, li dak iż-żmien li saret l-applikazzjoni kellu l-kariga ta' Sindku qal li hu ma kienx jaf b'dan il-proġett. Saret premura biex l-applikazzjonijiet tal-Awtorita' tal-Ippjanar li jirrigwardaw il-lokalita' ta' Santa Luċija għandhom jersqu quddiem il-Kunsill.

**2.5.23** **Laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar**

Is-Sindku irreferit għall-laqgħa tar-Reġjun li għaliha attenda l-Viċi Sindku u talbet lis-Sur Cutajar biex jinforma l-Kunsill dwar xi deċiżjonijiet importanti għall-Kunsill li ħarġu minn din il-laqgħa. Is-Sur Cutajar qal li kif intqal aktar kmieni f'din il-laqgħa, s-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun dwar is-servizz ta' DPO. Huwa preżenta wkoll Pjan ta' Ħidma tar-Reġjun għas-snin 2019-2021. Dwar il-Kuntratt tal-Istreet Lighting ġie kkonfermat li dan mhux ser jinħareġ mir-Reġjun u jrid jinħareġ

mill-Kunsill. Rigward l-ammont ta' €2,500.00 f'fondi lir-Reġjun jalloka lill-Kunsilli membri, il-Viċi Sindku nforma li dawn jistgħu jintużaw biex jinkera servizz ta' *green wardens*. Fir-rigward tal-€1,200.00 li jingħataw għall-Festa Nar, ġie kkonfermat li dawn jistgħu jintużaw għall-attivitajiet kulturali li għandhom jinkludu il-*logo* tar-Reġjun. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li ser ikun hemm fondi biex il-Kunsill ikun jista jgħin għaqdiet bħal girl guides u scouts fil-lokalita'. Dwar il-ktieb dwar il-Kult Marjan il-Viċi Sindku qal li dan ser jiġi imniedi mill-E.T il-President ta' Malta fix-xahar ta' Settembru 2019. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-President tar-Reġjun, l-ewwel ser ikun qed jiltaqa mas-Sindku u wara mal-Kunsill kollu. Il-Kunsill għandu jidentifika proġetti u xogħolijiet u jitlob lir-Reġjun biex jipprovdielu l-ħaddiema. Hawnhekk issemmiet il-Pjazza fi Triq il-Ġilju u t-tneħħija ta' ċint li sar b'mod illegali fuq il-kamra fi Pjazza 7 ta' Lulju liema xogħolijiet jistu jsiru mill-ħaddiema tar-Reġjun.

**2.5.24 Xiri ta' Fire Fighting Equipment**

Is-Sinkdu nfurmat il-Kunsill li hemm bżonn li jinxtraw xi affarijiet bħal *fire-blankets* għal Kunsill u għal *premises* oħra amministrati mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**2.5.25 Ilmenti u Suġġerimenti**

Is-Sindku qrat diversi ilment u suġġerimenti li saru mir-residenti f'dawn l-aħħar ġimgħat. Il-Kunsill ħa nota u ser jiġu ndirazzati dawn l-ilmenti fejn possibli.

**2.6 Offerta SLLC SS(57-19-05) Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq – Kumitat tal-Evalvazzjoni**

Il-Kunsill approva il-Kumitat tal-Evalwazzjoni għal kuntratt hawn fuq imsemmi kif ġej:
Charmaine St John – Chairperson
Frederick Cutajar - Evaluator
Kenneth Brincat – Evaluator
Vincienne Vella – Evaluator
Caroline Silvio – Segretarju

**2.7 Offerta SLLC SF(57-19-05) Xiri ta' Safety Matting għal Playing Field – Kumitat ta' Evalwazzjoni**

Il-Kunsill approva il-Kumitat tal-Evalwazzjoni għal kuntratt hawn fuq imsemmi kif ġej:
Terrence Ellul – Chairperson
Frederick Cutajar - Evaluator

Kylie D'Amato – Evaluator
Liam Sciberras – Evaluator
Caroline Silvio – Segretarju

**2.8 Offerta SLLC RMPF (57-19-04) Rapport tal-Evalwazzjoni**

Is-Sindku qalet li dan ir-rapport ser jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

**2.9 Measure 4.3**

Saret referenza għat-toroq rurali li saru taħt il-Measure 4.3 u għal ħlas dovut lill-kuntrattur fuq it-tieni triq li jonqos li titħallas. Ġie nutat li l-ARPA għadhom għaddejin bil-verifiki u għadhom m'għaddewx il-flus dovuti fil-kont tas-CBM biex il-kuntrattur jitħallas. Il-Kunsill qabel li jiddeposita l-flus fis-CBM biex il-Kuntrattur ikun jista' jitħallas. Wara l-Kunsill ikun jista' jitħallas mill-ARPA tal-fondi dovuti fuq din il-Measure.

**2.10 Skemi**

Is-Sindku qalet li l-iskemi li għandu quddiemu l-Kunsill bħalissa diġa ġew diskussi waqt il-Komunikazzjonijiet aktar kmieni fil-laqgħa.

**2.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**2.11.1** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Kylie D'Amato***

Il-Kunsilliera D'Amato staqsiet jekk il-Kunsill hux qed jikkunsidra sabiex iwettaq *risk assessment* sabiex jelimina l-periklu li hemm f'bosta toroq u nħawi fil-lokalita'u fl-istess ħin jassigura s-sigurta' tar-residenti. Saret diskussjoni u ġie deċiż li dan l-eżerċizzju jista jsir mill-membri tal-Kunsill stess.

**2.11.2** ***Mistoqsija tal-Kunsilliera Kylie D'Amato***

Il-Kunsilliera D'Amato staqsiet jekk fl-*area* li hemm fil-*playing field* li tinsab wara l-ħwienet ta' Dawret it-Torri tiġi trasformata bħala parti mill-*playing field* dedikata għal tfal b'kundizzjonjiet speċjali bħal Awtiżmu.

Is-Sindku qalet li din il-proposta tista tiġi mplimentata permezz ta' waħda mill-Miżuri li ser ivara l-Gal Xlokk fis-sena 2020.

**2.11.3** ***Mistoqsija tal-Kunsillier Liam Sciberras***

Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-Kunsill jistax jiddiskuti xi punti mir-riforma tal-Kunsilli Lokali. Qamet diskussjoni dwar dan u ġie nutat li din ir-riforma hija diġa stabilita' bil-liġi u daħlet fis-seħħ. Il-Kunsillier Sciberras sostna li hu qed jissuġerixxi li jiġu nutati ċerti emendi li saru biex wieħed jifhem aħjar il-punti prinċipali ta' din ir-riforma.

**2.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 7 ta' Awissu 2019 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2019**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |